MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2011

Rikors Numru. 11/2010

**John Mary Farrugia**

**vs**

**Direttur ta’ l-Artijiet**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

Illi l-esponent huwa l-kerrej ta’ bicca raba’ f’Hal Safi tal-kejl ta’ madwar 1797m2 li tmiss mill-Majjistral, Grigal u mix-Xlokk ma’ proprjeta’ tal-Gvern (Pjanta Dok A);

Illi l-esponent ircieva ittra ufficjali datata 25 ta’ Marzu 2010 fejn gie infurmat li din l-istess bicca raba msemmija mehtiega ghal skop pubbliku (Dok B);

Illi l-esponent jikkontesta l-allegazzjoni illi l-kirja giet terminata ghal skop pubbliku;

Illi f'kull kaz l-esponent huwa intitolat ghal kumpens xieraq. Ma sar ebda ftehim dwar dan il-kumpens;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob lil dan il-Bord (i) jiddikjara li l-kirja ma gietx terminata ghal skop pubbliku u (ii) jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilu in konnessjoni ma' din l-art, okkorrendo n-nomina ta' periti nominandi jekk ikun il-kaz u dan oltre l-imghax legali mid-data tat-terminazzjoni;

Bl-ispejjes;

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat Direttur tal-Artijiet li tghid:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 23 t'April 2010, fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrent ikkkontesta l-iskop pubbliku tat-terminazzjoni tal-kirja ta' bicca raba f'Hal-Safi tal-kejl ta' 1797m2 li tmiss mill-Majjistral, mill-Grigal u mix-Xlokk ma' proprjeta tal-Gvern in forza tad-Dikjarazzjoni tal-President nru 220 fil-Gazzetta tal-Gvern datata 5 ta' marzu 2010;

Illi preliminarjament l-espoenent jikkontesta l-validita' tar-rikors u dan a tenur tal-Artikolu 21 (2A) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi r-rikors odjern gie pprezentat fit-23 t'April 2010, ferm wara l-iskadenza tal-woehed u ghoxrin (21) jum koncessi ghall-kontestazzjoni mill-artiklu 21 (2A) tal-Kap 199, li bdew jiddekorru mal-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-President hawn fuq imsemmija datata 5 ta' Marzu 2010;

Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni li t-terminazzjoni tal-kirja tal-biccca raba' msemmija hawn fuq saret ghal skop pubbliku u b'mod partikolari b'konnessjni mal-Progett tal-Park tal-Avjazzjoni ta' Hal Safi (Safi Aviation Park);

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jiddikjara r-rikors tar-rikorrent John Mary Farrugia null u bla effett a tenur tal-artikolu 21 (2A) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgha lid-difensur tal-intimat;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi b'objezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti, l-intimat ecepixxa n-nullita' tar-rikors odjern stante li dan kien prezentat ferm wara il-wiehed u ghoxrin jum koncess mil-ligi. Din il-procedura hija regolata bis-sahha tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-ahjar intendiment qed tkun hawn riprodotta:

(2A) Kull persuna illi ghandha interess f'xi art li fir-rigward taghha saret dikjarazzjoni tal-President ta' Malta kif imsemmi fis-subartikolu (1) tista' tikkontesta l-iskop pubbliku tal-imsemmija dikjarazzjoni quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet permezz ta' rikors ipprezentat fir-registru tal-imsemmi Bord fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata mill -pubblikazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni u d-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li japplikaw ghas-smigh tal-kawzi quddiem il-Prim'Awla tal -Qor ti Civili inkluzi id-disposizzjonijiet li jirrigwardaw appelli minn dawk id-decizjonijiet, ghandhom, mutatis mutandis, japplikaw ghad-decizzjoni dwar l-imsemmi rikors:

Minn din id-disposizzjoni huwa immedjatament evidenti l-intimat Direttur tal-Artijiet ghandu ragun fl-eccezzjoni tieghu ghaliex ir-rikorrenti *qua* kerrej tal-art kolpita bid-decizzjoni tal-awtoritajiet li ma jgeddux il-kirja stante li hija mehtiega ghal skop pubbliku, kellu wiehed u ghoxrin jum mill-pubblikazzjoni tal-istess Dikjarazzjoni tal-President sabiex jintavola r-rikors odjern. Din id-dikjarazzjoni kienet pubblikata fil-5 ta' Marzu 2010 u r-rikors in dizamina kien intavolat fit-23 t'April 2010 u ghalhekk ferm in eccess tal-21 jum stipulat;

Ezami akkurat tal-provvedimenti kollha in rigward fi hdan l-istess Kap 199 ma joffru ebda solljev lill-kerrej f'kaz li jiddekadi minn dan it-terminu;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qieghed jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-intimat, jiddikjara null u bla effett ir-rikors promutur u jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju;

Fic-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------